# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT
### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' MARZU 2002

**Numru 18**

**Avviz numru 1515/00DM**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Joseph Zahra**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' mitejn tlieta u disghin liri Maltin u erbatax-il centezmi (Lm293.14) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu bejn l-10 ta' Lulju 1999 sal-10 ta' Mejju 2000.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali bil-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' mitejn tlieta u disghin lira Maltin u erbatax-il centezmi (Lm293.14c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali mill-31 ta' Ottubru 2000; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magistrat

A. Farrugia

Dep.Reg.

va